# Fond Ewropew Marittimu għas-Sajd u l-Akkwakultura

## FAQs – Investimenti Abbord bastimenti tas-sajd:

1. **Kull sajjied huwa eliġibbli biex japplika għal din is-sejħa?**

   Biex wieħed ikun eliġibbli għal din is-sejħa, is-sajjied:

   - Irid ikollu liċenzja MFA jew MFB;
   - Irid ikun konformi mal-liġijiet marittimi;
   - Ma jkunx wettaq ksur serju (serious infringement) tal-liġi marittima matul is-sentejn ta' qabel id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni, u
   - Irid ikun wera li għamel l-ammont minimu ta' 60 ġurnata ta' sajd fis-sentejn ta' qabel id-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

2. **Hemm xi obbligi ladarba wieħed jirċievi l-għajnuna?**

   Wara li jingħata l-għajnuna, is-sajjied irid jiżgura li ma jwettaqx ksur serju (serious infringement) tal-liġi marittima matul il-ħames snin ta' wara li jitlesta l-proġett.

   L- Awtorità ta' Ġestjoni tibqa' tagħmel monitoraġġ matul dan iż-żmien sabiex tassigura li s-sajjied baqa' konformi mal-liġi marittima.

   Matul il-ħames snin ta' wara, is-sajjied ma jkunx jista' jittrasferixxi jew ibigħ il-bastiment/i tiegħu li fuqu sar l-investiment lil terzi persuni.

   F'każ fejn dan isir, l-applikant ikun obbligat li jrodd lura l-għajnuna kollha li jkun irċieva.

   Il-perjodu ta' ħames snin jibda jgħodd mill-mument li l-Awtorità ta' Ġestjoni tiddikjara l-ispiża tal-investiment li sar lill-Kummissjoni Ewropea.

3. **X’tip ta’ spiża tista’ tkun ikkunsidrata eliġibbli?**

   Dawn li ġejjin huma tipi ta’ investimenti li jistgħu jiġu ffinanzjati mill-programm tal-FEMSA:

   a) Sistemi ta’ tkessiħ, iffriżar jew iżolazzjoni fuq il-bastiment;
   b) Titjib tal-buq u tal-iskrun inklużi x-xaftijiet tat-trażmissjoni;
   c) Elementi ta’ propulsjoni li jaħdmu bl-enerġija rinnovabbli bħal pannelli solari;
   d) Sistemi ta’ dawl;
   e) Tagħmir tas-sajd li jnaqqas il-konsum tal-fjuwil u jtejjeb l-effiċjenza tal-qbid;
   f) Sistemi ta’ kontroll u monitoraġġ tal-fjuwil abbord;
   g) Faċilitajiet tad-dgħajsa bħal akkomodazzjoni, kċina etc;
   h) Investiment f’apparat jew tagħmir li jżid is-saħħa u s-sigurtà tad-dgħajsa u l-ekwipaġġ li jmorru lil hinn mill-minimu mitlub bil-liġi.

4. **Hemm xi tip ta’ spiża li ma tistax tkun ikkunsidrata eliġibbli?**

   Iva, dawn li ġejjin ma jistgħux jiġu ffinanzjati mill-programm tal-FEMSA:

   a) tagħmir li jżid il-kapaċità tas-sajd tal-bastiment, u li jgħin biex tiżdied il-qabda u t-tfittxija tal-ħut;
   b) Il-bini jew l-akkwist ta’ bastimenti;
   c) Trasferiment tar-reġistrazzjoni tal-bastiment;
   d) Sajd esplorattiv;
   e) Trasferiment ta’ negozju;
   f) Investimenti neċessarji biex jikkonformaw mal-liġijiet eżistenti;
   g) Investimenti fuq bastimenti attivi għal inqas minn 60 ġurnata fis-sentejn ta’ qabel ġiet sottomessa l-applikazzjoni.

5. **Jista’ sajjied japplika għal iktar minn bastiment wieħed?**

   Iva, sajjied jista’ jissottometti applikazzjonijiet għal bastimenti differenti.

6. **Fejn jista’ wieħed isib kopja tal-applikazzjoni?**

   L-applikazzjoni tista’ tiġi mniżżla mis-sit: https://fondi.eu/programme/european-maritime-fisheries-and-aquaculture-fund/

7. **Hemm xi persentaġġ li japplika fuq l-għajnuna li wieħed jista' jibbenefika minnha?**

   Iva, l-għajnuna tinqasam fuq żewġ persentaġġi kif ġej:

   Bastimenti taħt it-12 il metru = 80% tal-ispiża

   Bastimenti minn 12-il metru sa 24 metru = 50% tal-ispiża

8. **X'dokumentazzjoni hija meħtieġa li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni?**

   Il-lista tad-dokumenti meħtieġa tinsab ukoll fl-applikazzjoni. Huwa importanti ħafna li d-dokumentazzjoni kollha tiġi miżmuma matul il-ħames snin ta' wara li jitlesta l-proġett.

9. **Hemm mod kif wieħed jista' jfittex l-għajnuna biex timtela l-applikazzjoni u biex ifittex għajnuna waqt il-fażi tal-implimentazzjoni tal-proġett?**

   Iva, Servizzi Ewropej Malta (SEM) se jkunu qed joffru servizz ta' għajnuna b'xejn fil-preparazzjoni tal-applikazzjoni. Wieħed jista' jikkuntattja lil SEM fuq 2779 7300.

   Wieħed jista' wkoll jirrikorri għal konsulenti privati li huma approvati mill-Awtorità ta' Ġestjoni u li jinsabu f'din il-lista https://fondi.eu/programme/european-maritime-fisheries-and-aquaculture-fund/ biex jipprovdu għajnuna qabel u waqt l-implimentazzjoni tal-proġett. L-għajnuna li tingħata minn konsulenti f'din il-lista tkun parzjalment koperta mill-fondi Ewropej.

   L-ispiża ta' konsulenza oħra li ma taqax taħt xi waħda mill-għajnuna msemmija hawn fuq, trid tiġi koperta mill-applikant innifsu.

10. **Sa meta jista' wieħed japplika għall-għajnuna?**

    Is-sejħa hija miftuħa sal-aħħar ta' Settembru 2026.

    Applikazzjonijiet jingħalqu kull tliet xhur f'dawn id-dati;

    - it-30 ta' Ġunju 2025;
    - it-30 ta' Settembru 2025;
    - it-31 ta' Diċembru 2025;
    - it-31 ta' Marzu 2026;
    - it-30 ta' Ġunju 2026;
    - it-30 ta' Settembru 2026.

    Madanakollu, l- Awtorità ta' Ġestjoni żżomm id-dritt ta l-għeluq bikri jew l-estensjoni ulterjuri tas-sejħa.

11. **Fejn għandha tiġi sottomessa l-applikazzjoni?**

    L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi permezz tal-portal tal-applikazzjonijiet, li huwa aċċessibbli minn din il-ħolqa: https://sfd.gov.mt/application/Login.aspx

12. **Fejn jidħlu kwotazzjonijiet marbuta ma' investimenti partikolari, jista' wieħed iġib kwotazzjoni minn barra minn Malta?**

    Iva, sajjied huwa liberu li jippreżenta kwotazzjonijiet mhux maħruġa minn Malta. L-istess proċess marbut mad-dokumenti meħtieġa bħal 'invoices', irċevuti etc, xorta jibqa' japplika u sajjied għandu jippreżenta dawn fil-każ ta' xiri minn barra minn Malta.

13. **Se jsiru laqgħat ta' informazzjoni fuq din is-sejħa?**

    Iva, ser ikunu qed isiru tliet laqgħat hekk kif ġej:

    - It-Tnejn 7 ta' April, Sala Pompei, Triq San Ġużepp, Marsaxlokk, bejn l-4.00pm u l-5.30pm.
    - L-Erbgħa 9 ta' April, Gozo Experimental Farm, Xewkija, Għawdex, bejn l-10.00am u l-11.30am.
    - It-Tnejn 14 ta' April, Assisi Hall, Triq San Franġisk, San Pawl il-Baħar, bejn l-4.00pm u l-5.30pm.

**14. Fejn jista' wieħed jirreferi għal iktar assistenza?**

Għal aktar assistenza, wieħed jista' wkoll jikkuntattja:

- lil Servizzi Ewropej Malta (SEM) fuq 2779 7300 (fil-bżonn ta' għajnuna relatata ma din is-sejħa u l-mili ta' applikazzjonijiet);
- l-Awtorità ta' Ġestjoni fuq 2555 2555, jew;
- id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura fuq 2292 6800 (dwar stħarriġ tekniku rigward il-bastiment/i tas-sajd u dokumenti tekniċi relatati mal-attività marittima tas-sajjied konċernat).

Ikkofinanzjat mill-Unjoni Ewropea